# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fl-10 ta' Lulju 2019[1]

**Kawża C-467/18**

**Rayonna prokuratura Lom**
**vs**
**EP,**
**bl-intervent ta':**
**HO**

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rayonen sad Lukovit (il-Qorti Distrettwali ta' Lukovit, il-Bulgarija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttivi 2012/13/UE, 2013/48/UE u (UE) 2016/343 — Kamp ta' applikazzjoni — Azzjoni tal-pulizija — Investigazzjoni kriminali mill-Prosekutur Pubbliku — Proċedura kriminali speċjali għall-adozzjoni ta' miżuri mediċi koerċittivi — Żamma f'istituzzjoni psikjatrika b'applikazzjoni ta' liġi mhux kriminali — Stħarriġ ġudizzjarju effettiv tal-osservanza tad-dritt tal-persuna ssuspettata jew tal-persuna akkużata għall-informazzjoni u l-assistenza minn avukat — Preżunzjoni ta' innoċenza — Persuni vulnerabbli"

1. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jirrigwarda l-applikazzjoni tad-Direttivi 2012/13/UE[2], 2013/48/UE[3] u (UE) 2016/343[4] fi proċeduri kriminali kontra persuna li, mill-mument tal-arrest tagħha bħala persuna ssuspettata b'reat gravi, uriet sinjali ta' instabbiltà mentali, u li minħabba f'hekk intbagħtet f'istituzzjoni psikjatrika.

2. Dawn id-direttivi jinkludu "regoli minimi komuni dwar il-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati u akkużati [fi proċeduri kriminali]", bl-għan li "ssaħħaħ il-fiduċja tal-Istati Membri fis-sistemi tal-ġustizzja kriminali ta' xulxin u b'hekk li tiffaċilita r-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet kriminali"[5].

1 Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU 2012, L 142, p. 1).

3 Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU 2013, L 294, p. 1).

4 Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU 2016, L 65, p. 1).

5 Il-premessa 10 tad-Direttiva 2016/343.

3. Fid-dawl ta’ dan l-għan, tqum il-mistoqsija jekk it-tliet direttivi humiex maħsuba li jiġu applikati fi proċeduri kriminali li fir-rigward tagħhom id-deċiżjonijiet meħuda ma jkunux ser ikunu, prevedibbilment u raġonevolment, suġġetti għal rikonoxximent reċiproku bejn l-Istati Membri. Din l-oġġezzjoni, sa issa, għadha ma ntlaqgħetx mill-Qorti tal-Ġustizzja.[6] Jista’ jkun li fil-futur, fid-dawl tal-iżvilupp tar-rinviji preliminari dwar dan is-suġġett speċifiku, ikun opportun li tiġi kkwalifikata din il-linja ta’ ġurisprudenza.

## I. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

#### *1. Id-Direttiva 2012/13*

4. L-Artikolu 1 (“Suġġett”) jgħid hekk:

“Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli rigward id-dritt għall-informazzjoni tas-suspettati jew tal-persuni akkużati, dwar id-drittijiet tagħhom fi proċeduri kriminali u dwar l-akkuża kontrihom. [...]”

5. L-Artikolu 2 (“Kamp ta’ Applikazzjoni”) jipprovdi:

“1. Din id-Direttiva tapplika minn meta l-persuni jiġu informati mill-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru, li huma ssuspettati jew akkużati li wettqu reat sa ma jiġu fi tmiemhom il-proċeduri, jiġifieri meta tintlaħaq deċiżjoni finali dwar jekk is-suspettat jew il-persuna akkużata tkunx wettqet ir-reat kriminali jew le, inkluż, fejn applikabbli, l-għoti tas-sentenza u r-riżoluzzjoni ta’ kwalunkwe appell.

[...]”

6. L-Artikolu 3 (“Id-dritt għal informazzjoni dwar id-drittijiet”) jistipula:

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-suspettati jew il-persuni akkużati jingħataw fil-pront informazzjoni dwar tal-anqas id-drittijiet proċedurali li ġejjin, kif dawn japplikaw taħt il-liġi nazzjonali, sabiex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv ta’ dawk id-drittijiet:

a) id-dritt ta’ aċċess għal avukat;

[...]

c) id-dritt li l-persuna tkun informata bl-akkuża, f’konformità mal-Artikolu 6;

[...]

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni provduta taħt il-paragrafu 1 għandha tingħata bil-fomm jew bil-miktub, f’lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli, b’kont meħud ta’ kwalunkwe bżonnijiet partikolari ta’ suspettati vulnerabbli jew ta’ persuni akkużati vulnerabbli.”

6 Fil-konklużjonijiet tal-5 ta’ Frar 2019 fil-kawża Moro (C-646/17, EU:C:2019:95), l-Avukat Ġenerali Bobek argumenta li “l-applikabbiltà tad-Direttiva 2012/13 ma teħtieġx li jkun hemm natura transkonfinali f’każ individwali quddiem il-qorti nazzjonali” (punt 44). Huwa sostna, f’dan ir-rigward, fost argumenti oħrajn, li s-sentenza tal-5 ta’ Ġunju 2018, Kolev *et* (C-612/15, EU:C:2018:392), interpretat l-istess direttiva mingħajr ma deher li “kien hemm xi element transkonfinali identifikabbli”. Fis-sentenza tagħha tat-13 ta’ Ġunju 2019, Moro (C-646/17, EU:C:2019:489), il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet l-istess argument.

7. Skont l-Artikolu 4 ("Ittra tad-drittijiet mal-arrest"):

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li suspettati jew persuni akkużati, li jiġu arrestati jew detenuti jkunu provduti fil-pront b'Ittra tad-Drittijiet bil-miktub. Huma għandhom jingħataw l-opportunità li jaqraw l-Ittra tad-Drittijiet u għandhom jitħallew iżommuha fil-pussess tagħhom matul iż-żmien kollu li huma jkunu imċaħħdin mil-libertà [...]"

8. L-Artikolu 6 ("Id-dritt għal informazzjoni dwar l-akkuża") jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-suspettati jew il-persuni akkużati tingħatalhom informazzjoni dwar l-att kriminali li huma ssuspettati jew akkużati li wettqu. Dik l-informazzjoni għandha tingħata fil-pront u bid-dettal meħtieġ sabiex tiġi salvagwardjata l-korrettezza tal-proċeduri u l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-suspettati jew il-persuni akkużati li jiġu arrestati jew detenuti jiġu informati bir-raġunijiet għall-arrest jew id-detenzjoni tagħhom, inkluż bl-att kriminali li huma jkunu ssuspettati jew akkużati li wettqu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, mhux aktar tard mit-tressiq tal-merti tal-akkuża quddiem il-qorti, tingħata informazzjoni dettaljata dwar l-akkuża, inklużi n-natura u l-klassifikazzjoni legali tar-reat kriminali, kif ukoll in-natura tal-parteċipazzjoni tal-persuna akkużata.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-suspettati jew il-persuni akkużati jiġu informati fil-pront dwar kwalunkwe bidliet fl-informazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu fejn dan ikun meħtieġ sabiex tiġi salvagwardjata l-korrettezza tal-proċeduri."

*2. Id-Direttiva 2013/48*

9. Bis-saħħa tal-Artikolu 1 ("Suġġett"):

"Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar id-drittijiet tal-persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali u tal-persuni soġġetti għal proċedimenti skont id-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA ('proċedimenti relatati mal-mandat ta' arrest Ewropew') li jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat, id-dritt li tiġi infurmata parti terza biċ-ċaħda tal-libertà, u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari matul iċ-ċaħda tal-libertà."

10. Skont l-Artikolu 2 ("Kamp ta' applikazzjoni"):

"1. Din id-Direttiva tapplika għal persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali mill-mument meta dawn jiġu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, b'notifika uffiċjali jew b'mod ieħor, li huma suspettati jew akkużati li jkunu wettqu reat kriminali, u irrispettivament minn jekk ikunux miċħuda mil-libertà. Din tapplika sal-konklużjoni tal-proċedimenti, li huwa mifhum li tfisser id-determinazzjoni finali tal-kwistjoni jekk il-persuna suspettata jew akkużata tkunx wettqet ir-reat, inkuż fejn applikabbli, l-għoti ta' sentenza u r-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe appell.

[...]

3. Din id-Direttiva tapplika wkoll, bl-istess kondizzjonijiet kif previsti fil-paragrafu 1, għal persuni li mhumiex persuni suspettati jew akkużati li, matul l-interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi, isiru persuni suspettati jew akkużati.

[...]"

11. Skont l-Artikolu 3 (“Id-dritt ta’ aċċess għas-servizzi ta’ avukat fi proċedimenti kriminali”):

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta’ aċċess għas-servizzi ta’ avukat f’ħin u b’mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom ta’ difiża b’mod prattiku u b’mod effettiv.

2. Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta’ avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta’ aċċess għas-servizzi ta’ avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:

a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;

b) mat-twettiq minn awtorità ta’ investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta’ att investigattivi jew att ieħor ta’ ġbir ta’ provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;

c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;

d) fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f’materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti

[...]”

12. L-Artikolu 12 (“Rimedji”) jgħid:

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali, kif ukoll persuni rikjesti fi proċedimenti relatati mal-mandat ta’ arrest Ewropew ikollhom rimedju effettiv skont il-liġi nazzjonali f’każ fejn ikun hemm ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva.

[...]”

13. L-Artikolu 13 (“Persuni Vulnerabbli”) jiddikjara li:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fl-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva jittieħed kont tal-bżonnijiet partikolari ta’ persuni suspettati u akkużati li huma vulnerabbli.”

*3. Id-Direttiva 2016/343*

14. Konformement mal-Artikolu 1 (“Suġġett”):

“Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi komuni dwar:

a) ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza fi proċedimenti kriminali;

b) id-dritt li wieħed ikun preżenti fil-proċess fi proċedimenti kriminali.”

15. L-Artikolu 2 (“Kamp ta’ applikazzjoni”) jipprovdi:

“Din id-Direttiva tapplika għal persuni fiżiċi li jkunu persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali. Hija tapplika fl-istadji kollha tal-proċedimenti kriminali, mill-mument meta persuna hija suspettata jew akkużata li wettqet reat kriminali, jew reat kriminali allegat, sa meta d-deċiżjoni dwar id-determinazzjoni finali jekk dik il-persuna wettqitx ir-reat kriminali kkonċernat tkun saret definittiva.”

16. L-Artikolu 3 ("Preżunzjoni tal-innoċenza") jistipula:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jitqiesu innoċenti sa meta jinstabu ħatja skont il-liġi."

17. L-Artikolu 6 ("Oneru tal-prova") jimponi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-oneru tal-prova għad-determinazzjoni tal-ħtija tal-persuni suspettati jew akkużati jaqa' fuq il-prosekuzzjoni. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu fuq l-imħallef jew il-qorti kompetenti li jfittxu evidenza kemm inkriminanti kif ukoll li tiskaġuna, u għad-dritt tad-difiża li tippreżenta evidenza skont il-liġi nazzjonali applikabbli.

[...]"

18. L-Artikolu 10 ("Rimedji") jindika:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom rimedju effettiv jekk id-drittijiet tagħhom taħt din id-Direttiva ma jiġux rispettati.

2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli u s-sistemi nazzjonali dwar l-ammissibbiltà tal-evidenza, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-valutazzjoni ta' dikjarazzjonijiet magħmula minn persuni suspettati jew akkużati jew ta' evidenza miksuba bi ksur tad-dritt li wieħed jibqa' sieket jew tad-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu, id-drittijiet tad-difiża u l-ekwità tal-proċedimenti jiġu rispettati."

### *B. Id-dritt Bulgaru*

#### *1. In-Nakazatelen kodeks (il-Kodiċi Kriminali)*

19. L-Artikolu 33 jindika li min ikun aġixxa fi stat ta' inkapaċità mentali li jipprekludih milli jifhem in-natura jew is-sinjifikat tal-azzjonijiet tiegħu jew li jikkontrolla l-imġiba tiegħu ma jistax jinżamm responsabbli kriminalment.[7]

20. Skont l-Artikolu 89, min ikun wettaq att perikoluż għas-soċjetà fi stat fejn ma jkunx responsabbli kriminalment jista' jkun suġġett għal trattament obbligatorju fi sptar psikjatriku speċjalizzat.

#### *2. In-Nakazatelno protsesualen kodeks (il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, iktar 'il quddiem in-"NPK")*

21. L-Artikolu 24(1) jipprevedi li ma għandhomx jinfetħu proċeduri kriminali, jew jekk ikunu nfetħu dawn għandhom jingħalqu, meta l-atti mwettqa ma jkunux jikkostitwixxu reat kriminali.

22. L-Artikolu 46 jirregola l-funzjonijiet tal-Prosekutur Pubbliku fil-proċeduri kriminali. Din id-dispożizzjoni tagħtih is-setgħa ta' prosekuzzjoni kriminali u t-tmexxija tal-investigazzjoni.

23. L-Artikolu 70 jirregola l-proċedura applikabbli sabiex persuna li tbati minn mard mentali tintbagħat f'istituzzjoni psikjatrika sabiex tiġi eżaminata. Persuna tintbagħat f'istituzzjoni psikjatrika fuq deċiżjoni tal-awtorità ġudizzjarja fuq talba tal-Prosekutur Pubbliku, sakemm ma jirriżultawx ċirkustanzi li jeħtieġu l-parteċipazzjoni ta' difensur.

7 https://www.legislationline.org/documents/section/criminal-codes/country/39/Bulgaria/show.

24. Il-punt 2 tal-Artikolu 94(1) u l-Artikolu 94(3) jimponu l-intervent obbligatorju fil-proċeduri kriminali ta' difensur jekk l-imputat ikun ibati minn disturb mentali, u jirrikjedu li l-korp kompetenti jaħtar avukat bħala difensur.

25. L-Artikolu 242(2), fil-kapitolu dwar l-azzjonijiet tal-Prosekutur Pubbliku fi tmiem l-investigazzjoni, jobbligah jara jekk matul l-investigazzjoni ġewx irrispettati d-drittijiet proċedurali tal-imputat. Jekk dan ma jkunx il-każ, huwa jkollu jitlob li jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet jew jipproċedi huwa stess biex jiġu rrimedjati.

26. Il-punt 1 tal-Artikolu 243(1) jipprovdi li l-Prosekutur Pubbliku għandu jagħlaq il-proċeduri kriminali fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 24(1) (jiġifieri meta l-fatti ma jkunux jikkostitwixxu reat).

27. Konformement mal-Artikolu 247, dwar il-preparazzjoni tal-proċedura orali, il-proċess jibda bl-att ta' akkuża mill-Prosekutur Pubbliku.

28. Skont l-Artikolu 248, l-Imħallef Relatur għandu, fost funzjonijiet oħra, jivverifika jekk id-drittijiet proċedurali tal-akkużat ġewx irrispettati matul il-fażi ta' investigazzjoni preliminari (punt 3 tal-paragrafu 2). F'każ ta' ksur, huwa għandu jiddikjara l-preġudizzji kkonstatati u jirreferi l-kawża lill-Prosekutur Pubbliku sabiex jingħata rimedju skont l-Artikolu 242(2).

29. L-Artikolu 427 jiġbor fih it-taqsima dwar l-applikazzjoni ta' miżuri mediċi obbligatorji msemmija fl-Artikolu 89 tal-Kodiċi Kriminali. Huwa l-Prosekutur Pubbliku li għandu jipproponihom u l-qorti distrettwali li għandha tilqagħhom, bil-possibbiltà ta' appell quddiem istanza superjuri.

30. L-Artikoli 428 sa 431 jirregolaw il-proċedura għall-adozzjoni ta' dawn il-miżuri, li tinkludi seduta bl-intervent tal-Prosekutur Pubbliku u tal-avukat difensur tal-persuna kkonċernata.

*3. Iż-Zakon za zdraveto (il-Liġi dwar is-Saħħa)*

31. Skont l-Artikolu 155, persuni b'disturbi mentali li jeħtieġu trattament speċjali (kif iddefiniti fl-Artikolu 146) għandhom ikunu suġġetti għal żamma u trattament obbligatorju meta, minħabba l-marda tagħhom, jistgħu jwettqu reat u jkunu ta' perikolu għall-familjari tagħhom, qraba jew għas-soċjetà jew jippreġudikaw serjament is-saħħa tagħhom.

32. L-Artikoli 156 *et seq.* jistabbilixxu l-proċedura sabiex persuna tintbagħat f'istituzzjoni psikjatrika, liema deċiżjoni għandha tittieħed mill-qorti distrettwali tal-post ta' residenza tal-persuna kkonċernata. Huwa indispensabbli li ssir talba mill-Prosekutur Pubbliku, prova ta' perizja psikjatrika u seduta li fiha jieħdu sehem il-persuna kkonċernata (jekk l-istat tas-saħħa tagħha jkun jippermetti), l-avukat difensur tagħha u l-psikjatra.

33. L-Artikolu 165(1) jipprovdi għall-applikazzjoni supplimentari tan-NPK.

## II. Il-fatti tal-kawża u d-domandi preliminari

34. Filgħodu kmieni nhar is-26 ta' Awwissu 2015, instab kadavru b'sinjali ta' vjolenza fuq l-awtostrada pubblika ta' Medkovets (Lom, il-Bulgarija).

35. Għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu, hekk kif l-uffiċjali tal-pulizija waslu fid-dar tal-vittma, huma sabu lil bin il-vittma, EP, b'marki tad-demm fuq riġlejh. Mit-tweġibiet tiegħu għall-ewwel interrogazzjoni, li fihom ammetta li wettaq ir-reat[8], instab li kien ibati minn mard mentali u għalhekk ġie arrestat u ttieħed fis-servizz psikjatriku tal-Isptar ta' Lom.

36. Fis-26 ta' Awwissu 2015 saret spezzjoni viżiva fuq il-post tad-delitt u ġew interrogati x-xhieda. Huma ddikjaraw li EP kien ibati minn mard mentali u li kien inżamm f'istituzzjoni psikjatrika bosta drabi. Espert psikjatriku sab li kien ibati minn skiżofrenija paranojka u li, bejn il-25 u s-26 ta' Awwissu 2015, kien waqa' fi stat prolongat ta' distorsjoni tas-sensi u għalhekk ma setax jifhem in-natura u s-sinjifikat tal-azzjonijiet tiegħu.

37. Fit-12 ta' Settembru 2015, ir-Rayonen sad Lom (il-Qorti Distrettwali ta' Lom, il-Bulgarija) laqgħet it-talba sabiex EP jintbagħat f'istituzzjoni psikjatrika skont il-proċedura stabbilita fil-Liġi dwar is-Saħħa. Din is-sitwazzjoni ġiet estiża sa mill-inqas id-data meta sar ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

38. Fis-7 ta' Lulju 2016, l-Okrazhna prokuratura Montana (il-Prosekutur Pubbliku ta' Montana, il-Bulgarija) issospenda l-proċeduri kriminali kontra EP, hekk kif ikkunsidra li "l-imputat qiegħed jinżamm għal trattament obbligatorju, u għaldaqstant għad ma għandux il-kapaċità legali proċesswali".

39. L-Apelativna prokuratura Sofia (il-Prosekutur tal-Qorti tal-Appell ta' Sofija, il-Bulgarija) fil-kapaċità tiegħu bħala s-superjur ġerarkiku ta' Montana, ordna li jerġgħu jinfetħu l-proċeduri kriminali inkwantu dawn ġew sospiżi b'mod infondat, liema fatt seħħ fid-29 ta' Diċembru 2017.

40. Fl-1 ta' Marzu 2018, il-Prosekutur Pubbliku ta' Montana għalaq il-proċeduri kriminali, bħala "att imwettaq mis-Sur EP fi stat ta' nuqqas ta' responsabbiltà kriminali għal reat kriminali", li b'hekk jeħtieġ li jiġu ordnati miżuri obbligatorji ta' trattament mediku.

41. Ir-riżoluzzjoni tal-Prosekutur Pubbliku ġiet innotifikata biss lit-tifla tal-vittma u saret definittiva fl-10 ta' Marzu 2018.

42. Sabiex tinstab soluzzjoni għall-kwistjoni ta' kompetenza negattiva bejn il-Qrati Distrettwali ta' Lom u ta' Lukovit, il-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema, il-Bulgarija) iddeċidiet li kienet ir-Rayonen sad Lukovit (il-Qorti Distrettwali ta' Lukovit) li kellha tiddeċiedi l-proċeduri kriminali dwar iż-żamma ta' EP f'istituzzjoni psikjatrika konformement man-NPK.

43. F'dan il-kuntest, ir-Rayonen sad Lukovit (il-Qorti Distrettwali ta' Lukovit) għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-proċedura ineżami għall-applikazzjoni ta' miżuri mediki [mediċi] obbligatorji, li jikkostitwixxu forma ta' koerċizzjoni mill-Istat fil-konfront ta' individwi li fir-rigward tagħhom il-prosekutur pubbliku kkonstata li wettqu atti ta' perikolu għas-soċjetà, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/13 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali u tad-Direttiva 2013/48 dwar id-dritt għas-servizzi ta' avukat fi proċeduri kriminali?

2) Id-dritt proċedurali Bulgaru li jirregola l-proċedura speċjali għall-applikazzjoni ta' miżuri mediki obbligatorji skont ir-regoli previsti fl-Artikoli 427 *et seq.* tan-Nakazatelno-protsesualen kodeks (il-Kodiċi ta' proċediment kriminali, iktar 'il quddiem in-'NPK'), li ma jipprevedix il-possibbiltà għall-qorti li tibgħat il-kawża lura quddiem il-prosekutur pubbliku filwaqt li tordnalu jirrimedja d-diversi każijiet ta' ksur ta' rekwiżiti formali essenzjali mwettqa matul il-proċedura prekontenzjuża, iżda li jippermettilha biss tilqa' jew tiċħad it-talba għall-applikazzjoni ta' miżuri

8 Skont l-uffiċjali tal-pulizija, EP qalilhom li kien qatel lil ommu għaliex kienet ittradietu u daħħlitu fil-mafja Serba. Meta ġie mistoqsi għalfejn xeħet il-ġisem fit-triq, huwa wieġeb li għamel dan sabiex ma jħallix riħa fil-ġnien tiegħu.

mediki obbligatorji, jagħti rimedju effettiv fis-sens tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2013/48 u tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/13, moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jiggarantixxi lill-individwu kkonċernat il-possibbiltà li jikkontesta quddiem qorti l-ksur tad-drititjiet tiegħu matul il-proċedura prekontenzjuża?

3) Id-Direttiva 2012/13 u d-Direttiva 2013/48 japplikaw għal proċeduri kriminali (prekontenzjużi) meta d-dritt nazzjonali, f'dan il-każ in-NPK, ma jirrikonoxxix il-kwalità ta' individwu 'ssuspettat' u meta, minn perspettiva formali, matul il-proċedura prekontenzjuża, il-prosekutur pubbliku ma jqiegħedx taħt eżami lill-individwu kkonċernat għar-raġuni li l-qtil li huwa s-suġġett tal-investigazzjoni twettaq minn dan l-individwu fi stadju ta' problemi mentali li jimplikaw l-assenza ta' responsabbiltà kriminali tiegħu, raġuni li minħabba fiha l-prosekutur pubbliku jagħlaq il-proċediment kriminali, mingħajr ma jinforma lill-individwu kkonċernat, u jitlob lill-qorti tapplika miżuri mediki obbligatorji fil-konfront tal-imsemmi individwu?

4) L-individwu li jkun is-suġġett ta' proposta ta' trattament mediku obbligatorju jikseb il-kwalità ta' individwu "ssuspettat" fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2012/13 u tal-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2013/48, meta l-uffiċjal tal-pulizija li kien l-ewwel wieħed li wasal fuq il-post fejn seħħew il-fatti wettaq l-ewwel passi ta' investigazzjoni fid-dar tal-vittma tar-reat kriminali u ta' binha, u, meta ra traċċi ta' demm fuq il-ġisem ta' dan tal-aħħar, għamillu mistoqsijiet dwar ir-raġunijiet għaliex kien qatel lill-ommu u ħareġ il-ġisem fit-triq, mistoqsijiet li għalihom l-individwu kkonċernat wieġeb, bil-konsegwenza li l-uffiċjal tal-pulizija libbislu l-manetti? Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, huwa meħtieġ li diġà minn dan il-mument l-individwu kkonċernat jingħata l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 3(1), moqri flimkien mal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2012/13, u, f'tali sitwazzjoni, meta tingħata din l-informazzjoni, kif għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet partikolari tal-individwu kkonċernat fis-sens tal-istess Artikolu 3(2), sa fejn il-pulizija tkun taf li l-individwu kkonċernat għandu problemi mentali?

(5) Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi ċaħda de facto tal-liberta, li tirriżulta minn tqegħid obbligatorju fi sptar mentali skont proċedura prevista fiz-Zakon za Zdraveto (il-Liġi dwar is-Saħħa) (miżura preventiva ta' koerċizzjoni imposta meta jiġi pprovat li l-individwu kkonċernat ibati minn marda mentali u meta jkun hemm is-suspett ta' riskju li dan ser iwettaq reat, u mhux fil-każ li jkun diġà twettaq reat), f'sitwazzjoni fejn din il-proċedura tkun inbdiet fuq il-bażi ta' fatti li jikkostitwixxu l-att li huwa s-suġġett ta' proċediment kriminali kontra l-individwu mqiegħed taħt trattament mediku, hija konformi mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2016/343, dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza, u, fil-każ ta' tqegħid taħt arrest, dan iwassal għal ksur tad-dritt għal smigħ xieraq skont il-kriterji previsti fl-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, jiġifieri għal smigħ li fil-kuntest tiegħu l-qorti jkollha s-setgħa li tivverifika kemm l-osservanza tar-regoli proċedurali u kemm ir-raġunijiet plawżibbli li jiġġustifikaw iż-żamma taħt arrest, kif ukoll in-natura leġittima tal-għan segwit minn din il-miżura, kif il-qorti hija obbligata tagħmel meta l-individwu jinżamm skont il-proċedura prevista fin-NPK?

6) Il-kunċett ta' 'preżunzjoni tal-innoċenza' fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2016/343 jinkludi wkoll il-preżunzjoni li l-individwi li ma jistgħux jitqiesu li huma kriminalment responsabbli minħabba problemi mentali ma wettqux l-att li jikkostitwixxi perikolu għas-soċjetà li bih ikun qiegħed jakkużahom il-prosekutur pubbliku sakemm titressaq prova kuntrarja stabbilita konformement mad-dritt proċedurali (jiġifieri fil-kuntest ta' proċediment kriminali u b'rispett tad-drittijiet tad-difiża)?

7) Leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu setgħat differenti fil-qasam ta' verifika *ex officio* tal-legalità tal-proċedura prekontenzjuża skont:

   a) jekk tkunx qiegħda teżmina att ta' akkuża tal-prosekutur pubbliku li jiddikjara li individwu partikolari, li jgawdi mill-kapaċitajiet mentali tiegħu, wettaq qtil (Artikolu 249(1) moqri flimkien mal-Artikolu 249(4) tan-NPK), jew

b) jekk tkunx qiegħda teżamina proposta tal-prosekutur pubbliku li tiddikjara li l-individwu kkonċernat wettaq qtil iżda li, minħabba l-inkapaċità mentali tal-awtur tiegħu, dan l-att ma jikkostitwixxix reat kriminali u, għaldaqstant, jitlob lill-qorti tapplika miżura ta' koerċizzjoni mill-Istat sabiex jingħata trattament mediku

tista' titqies li tiggarantixxi rimedji effettivi għall-individwi vulnerabbli, kif meħtieġ mill-Artikolu 13, moqri flimkien mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2013/48 u mill-Artikolu 8(2), moqri flimkien mal-Artikolu 3(2), tad-Direttiva 2012/13, u s-setgħat differenti mogħtija lill-qorti skont it-tip ta' proċedura, li tiddependi minn jekk l-individwu identifikat bħala l-awtur tal-fatti jgawdix mill-kapaċitajiet mentali tiegħu jew le u jekk jistax jinżamm kriminalment responsabbli, huma konformi mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?"

## III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

44. It-talba għal deċiżjoni preliminari tressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Lulju 2018, flimkien mat-talba sabiex il-kawża tinstema' b'urġenza, li ma ntlaqgħetx.

45. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn EP, mill-Gvernijiet tar-Repubblika Ċeka u tal-Pajjiżi l-Baxxi kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Ma ġiex meqjus neċessarju li ssir seduta.

## IV. Evalwazzjoni

### *A. Kunsiderazzjonijiet preliminari*

46. Il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja meta tirrispondi domandi preliminari huwa li tipprovdi lill-qorti tar-rinviju l-interpretazzjoni tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jkunu ta' għajnuna sabiex tiddeċiedi l-kawża. Madankollu, ma huwiex il-kompitu tagħha li tiddeċiedi dwar ċirkustanzi fattwali u lanqas dwar l-azzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti matul il-proċeduri, kriminali jew ta' tip ieħor, li jkunu seħħew qabel ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

47. Il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-funzjoni tagħha li tinterpreta d-dritt tal-Unjoni, lanqas ma għandha tiddetermina jekk, f'każ partikolari, ġewx osservati d-dispożizzjonijiet ta' direttiva jew oħra applikabbli għall-proċeduri kriminali [9] u jekk fil-prattika kienx hemm ksur tad-drittijiet rilevanti [10].

48. Id-direttivi li l-interpretazzjoni tagħhom hija mitluba mill-qorti tar-rinviju jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-azzjoni tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jissalvagwardjaw, fil-proċeduri kriminali, id-drittijiet tal-persuni ssuspettati jew akkużati, minn perspettiva tripla: i) dawn tal-aħħar għandhom jingħataw informazzjoni dwar id-drittijiet proċedurali tagħhom u dwar l-akkuża miġjuba kontrihom (Direttiva 2012/13); ii) jistgħu jiġu assistiti minn avukat u l-fatt li jkunu ġew imċaħħda mil-libertà għandu jiġi mgħarraf lil terza persuna li magħha jkunu jistgħu jikkomunikaw (Direttiva 2013/48); u iii) igawdu mill-preżunzjoni ta' innoċenza (Direttiva (UE) 2016/343).

9 Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev *et* (C-612/15, EU:C:2018:392, punt 81).

10 Skont kif espost fid-digriet tagħha (paragrafi 17 u 18), il-qorti tar-rinviju diġà indikat quddiem il-Varhoven kasatsionem sad (il-Qorti Suprema) li EP ma kienx ġie informat dwar id-drittijiet tiegħu, jew dwar l-akkużi miġjuba kontrih, u lanqas dwar id-dritt li jaħtar avukat difensur jew li jikkontesta d-deċiżjoni tal-Prosekutur Pubbliku. Hija żżid ukoll li l-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema) "iddikjarat, mingħajr ma mmotivat din l-evalwazzjoni, li l-kunsiderazzjonijiet tal-Imħallef Relatur fir-rigward tar-restrizzjonijiet dwar id-drittijiet tad-difiża ta' [EP] kienu infondati".

49. Peress li dawn it-tliet direttivi jikkonċernaw biss proċeduri kriminali, dawn ma japplikawx għal żamma psikjatrika ordnata għal raġunijiet strettament mediċi, konformement mal-liġijiet li jirregolaw is-saħħa pubblika. Dawn it-tipi ta' żamma għandhom ovvjament ikunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, peress li jinvolvu l-libertà tal-persuni, iżda dan ma jimplikax li l-proċeduri li jiddeċiedu din iż-żamma huma ta' natura kriminali.

50. Skont l-informazzjoni fil-proċess, f'dan il-każ kien hemm żewġ tipi ta' interventi:

– dak li jikkorrispondi għall-implimentazzjoni tal-Liġi dwar is-Saħħa (l-Artikoli 155 *et seq.*), li abbażi tagħha r-Rayonen sad Lom (il-Qorti Distrettwali ta' Lom) sa mill-bidu nett ordnat li EP jinżamm f'istituzzjoni psikjatrika; u

– dak li jikkorrispondi għall-proċeduri kriminali mressqa mill-Prosekutur Pubbliku, li warajhom il-qorti tar-rinviju (ir-Rayonen sad Lukovit (il-Qorti Distrettwali ta' Lukovit)) finalment trid tiddeċiedi dwar iż-żamma f'istituzzjoni psikjatrika konformement man-NPK. F'din il-proċedura biss japplikaw it-tliet direttivi ċċitati iktar 'il fuq.

51. Għaldaqstant, mir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom jiġu esklużi d-domandi relatati mal-applikazzjoni tad-direttivi għall-proċeduri previsti mil-Liġi tas-Saħħa. Din tal-aħħar tawtorizza ż-żamma forzata ta' persuni b'disturbi psikjatriċi li, minħabba fihom, *jistgħu* jikkommettu reat u jkunu ta' perikolu għall-familji tagħhom, għal persuni oħra jew għas-soċjetà jew ikunu ta' theddida serja għal saħħithom.

52. Din hija proċedura li taqa' taħt il-kompetenza tal-qorti li tista' tiddeċiedi, jekk jidhrilha li dan huwa xieraq, wara fażi ta' amministrazzjoni tal-prova, li l-individwu għandu jinżamm f'istituzzjoni psikjatrika għal perijodi li jistgħu jiġu estiżi. Għalhekk, din il-proċedura ma hijiex ta' natura kriminali u għaldaqstant ma taqa' taħt ebda waħda mid-direttivi msemmija (l-Artikolu 1 ta' kull waħda minn dawn id-direttivi, meta jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom, jillimitah għal proċeduri kriminali).

53. Il-qorti tar-rinviju tirraġuna li l-prassi nazzjonali tippermetti li persuna li wettqet reat fi stat ta' instabbiltà mentali tiddaħħal kontra r-rieda tagħha fi sptar psikjatriku b'applikazzjoni tal-Liġi dwar is-Saħħa, mingħajr ma jkollha tgħaddi mill-formalitajiet normali fi proċeduri kriminali [11]. Anki li kieku dan kellu jkun il-każ, il-fattur importanti huwa li l-proċedura tal-Liġi dwar is-Saħħa ma hijiex ta' natura kriminali. Jekk, fi kwalunkwe każ, dan il-proċediment jintuża b'mod żbaljat, ir-rimedji għal tali disfunzjoni *de facto* għandhom jinstabu fid-dritt nazzjonali nnifsu [12].

54. L-analiżi tiegħi mhux ser issegwi l-formulazzjoni tad-disa' domandi preliminari, li l-kontenut tagħhom, barra minn hekk, jissovrapponi ruħu. Nippreferi neżamina kull waħda mid-direttivi b'mod separat sabiex mill-interpretazzjoni tagħhom jinsiltu l-elementi ta' evalwazzjoni li jistgħu jassistu lill-qorti tar-rinviju.

11 Hija l-qorti nazzjonali li għandha tinterpreta d-dritt tagħha, iżda l-Liġi dwar is-Saħħa tidher li toffri garanziji suffiċjenti fid-dawl tal-proċedura bbażata fuq il-prinċipju tal-kontradittorju u d-deċiżjoni finali ta' organu daqstant ġudizzjarju bħall-qorti tar-rinviju.

12 Skont kif jirriżulta mid-digriet tar-rinviju, in-NPK jirregola d-detenzjoni preventiva u l-ikkawtelar ekwivalenti tagħha fir-rigward ta' persuni fi stat ta' instabbiltà mentali (l-Artikolu 70), b'mod li l-applikazzjoni tal-proċediment taħt il-Liġi dwar is-Saħħa tista' taħbi eċċess ta' poter tal-qorti mhux kriminali. Madankollu nixtieq nenfasizza li s-soluzzjoni għal dan l-eċċess ta' poter ipotetiku għandha tinstab fl-ordinament ġuridiku nazzjonali, bħala mezz sabiex jiġi sanat kwalunkwe kunflitt li jista' jkun hemm bejn il-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali.

### *B. Fuq l-effett tad-Direttiva 2012/13*

*1. Dwar id-drittijiet li għandhom jiġu rrispettati*

55. Din id-direttiva tinkorpora regoli li għandhom l-għan li jħarsu, fi proċeduri kriminali, ċerti drittijiet ta' persuni ssuspettati jew akkużati fi proċeduri kriminali. B'mod speċifiku, hija tagħtihom id-dritt li jirċievu immedjatament informazzjoni dwar id-drittijiet proċedurali tagħhom u li jiġu informati bl-akkuża miġjuba kontrihom.

56. Hija kkwalifikata bħala *ssuspettata* kwalunkwe persuna li lilha l-awtorità kompetenti tikkomunika ("tinnotifika") li hemm indikazzjonijiet tal-involviment tagħha f'reat kriminali (l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2012/13).

57. Il-kwalità ta' persuna ssuspettata tista' tiżdied ma' dik ta' *persuna arrestata jew iddetenuta*. L-Artikoli 4 u 6(2) tad-Direttiva 2012/13 jirreferu speċifikament għal din is-sitwazzjoni, sabiex tobbliga lill-Istati Membri jiggarantixxu li persuni f'dik is-sitwazzjoni "jkunu provduti fil-pront b'Ittra tad-Drittijiet bil-miktub" (l-Artikolu 4) u jiġu informati dwar ir-raġunijiet għall-arrest jew għad-detenzjoni (l-Artikolu 6).

58. Il-kunċett ta' persuna *akkużata* jitqiegħed f'livell kwalitattivament superjuri, peress li jimplika li l-awtorità kompetenti (normalment il-Prosekutur Pubbliku) diġà jkun ifformula akkuża speċifika, li tattribwixxi lil dik il-persuna r-responsabbiltà għal reat kriminali.

59. Loġikament, il-ħarsien ta' dawn id-drittijiet jaqa' taħt il-kompetenza tal-awtorità li tintervjeni f'kull wieħed mill-istadji proċedurali. B'mod partikolari, dan għandu jkun il-każ meta, f'kuntest kriminali [13], il-forzi tal-pulizija jwettqu arrest [14] jew meta l-Prosekutur Pubbliku joħroġ l-att ta' akkuża.

60. Id-Direttiva 2012/13 tapplika, konformement mal-Artikolu 2(1) tagħha, sal-konklużjoni tal-proċeduri. Għalhekk "meta tintlaħaq deċiżjoni finali dwar jekk is-suspettat jew il-persuna akkużata tkunx wettqet ir-reat kriminali jew le, inkluż, fejn applikabbli, l-għoti tas-sentenza u r-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe appell".

61. Din ir-redazzjoni tippermetti li tiġi inkluża fit-termini tagħha l-ipoteżi li l-proċeduri kriminali ma jintemmux b'kundanna, fis-sens strett, iżda b'miżura ta' sigurtà li tikkonsisti f'żamma forzata, fi stabbiliment psikjatriku jew simili, tal-persuna ddikjarata li ma tistax tinżamm responsabbli kriminalment minħabba l-instabbiltà mentali tagħha.

62. Fil-fatt, f'kuntest simili, l-Artikolu 1(b) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI [15] jiddefinixxi "piena" bħala "kwalunkwe piena ta' kustodja jew kwalunkwe miżura li tinvolvi ċaħda tal-libertà imposta għal perijodu ta' żmien limitat jew mhux limitat minħabba reat kriminali abbażi ta' proċedimenti kriminali". B'mod iktar speċifiku, l-Artikolu 9(1)(k) ta' din id-Deċiżjoni Qafas jirreferi għal "jekk [...] il-piena imposta tinkludi miżura ta' kura psikjatrika jew tas-saħħa."

63. Fid-dawl ta' dawn il-premessi, l-analiżi tar-regoli proċedurali nazzjonali fir-rigward tad-Direttiva 2012/13 tippermetti li tingħata risposta lill-qorti tar-rinviju.

13 Għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-pulizija hija responsabbli mill-ftuħ u t-tmexxija ta' każijiet ta' ksur amministrattiv li jaffettwa, pereżempju, is-sigurtà pubblika jew l-ordni pubbliku. Dawn il-każijiet mhux neċessarjament ikunu ta' natura kriminali.

14 Il-premessi 19 u 28 tad-Direttiva 2012/13 jipprovdu li l-informazzjoni lill-persuna ssuspettata jew akkużata għandha tingħata "mhux aktar tard minn qabel l-ewwel intervista uffiċjali tagħhom mill-*pulizija*". Il-premessa 22 tirreferi b'mod espliċitu għal dik l-informazzjoni fir-rigward ta' persuna "[...] arrestata meta din tkun privata mil-libertà permezz tal-intervent *tal-awtoritajiet inkarigati mill-infurzar tal-liġi* fil-kuntest ta' proċeduri kriminali". Mingħajr korsiv fl-oriġinali.

15 Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea (ĠU 2008, L 327, p. 27).

64. Skont in-NPK, il-proċeduri kriminali jistgħu jintemmu, flimkien mal-liberazzjoni mill-akkużi, bl-impożizzjoni kemm ta' piena (permezz ta' proċedura ordinarja) kif ukoll ta' miżura medika obbligatorja (konformement mal-proċedura speċjali fl-Artikoli 427 *et seq.* tagħha). Ir-reazzjoni għat-twettiq tar-reat, jiġifieri l-piena, tinbidel f'miżura ta' żamma psikjatrika obbligatorja meta l-awtur tal-att kriminali jkun wettaq dan l-att f'sitwazzjoni ta' instabbiltà mentali.

65. Sabiex tingħata kemm il-piena kif ukoll il-miżura medika koerċittiva, b'konsegwenza tat-twettiq ta' reat,[16] id-dritt nazzjonali jirrikjedi li jsiru proċeduri kriminali ġenwini, li jfisser li matulhom għandhom jiġu rrispettati d-drittijiet protetti mid-Direttiva 2012/13. Ma nemminx li s-salvagwardji li tipprovdi din id-direttiva jistgħu jiġu esklużi fi kwalunkwe waħda miż-żewġ ipoteżijiet.

66. Huwa differenti li, preċiżament minħabba s-sitwazzjoni psikoloġika tal-persuna ssuspettata jew akkużata, l-informazzjoni meħtieġa li għandha tingħata dwar id-drittijiet tagħha tista' tkun suġġetta għal ċerti aġġustamenti. F'ċerti każijiet individwali ta' instabbiltà mentali, huwa inutli li l-persuna kkonċernata tingħata formola b'dikjarazzjoni tad-drittijiet tagħha, għaliex hija ma tkunx f'pożizzjoni li tifhimhom, u kemm din il-proċedura kif ukoll il-komunikazzjoni tal-akkużi miġjuba kontriha jistgħu jsiru fil-preżenza tal-avukat difensur tagħha, peress li, kif ser insemmi iktar 'il quddiem, l-assistenza ta' dan tal-aħħar hija kompletament insostitwibbli.

67. L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2012/13 effettivament jobbliga li tingħata informazzjoni dwar id-drittijiet tal-persuni ssuspettati jew akkużati filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tal-persuni "vulnerabbli". Din l-espressjoni tinkludi nies bi problemi serji ta' saħħa mentali, li jistgħu jkunu fi stat fejn ma jifhmu kważi xejn mill-informazzjoni.

68. L-intenzjoni ta' tali prevenzjoni hija sabiex din l-informazzjoni tkun tista' tiġi rċevuta u assimilata mill-persuna li lilha tkun indirizzata. Dan jirriżulta b'mod ċar mill-"Pjan direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali"[17] meta jispjega l-"miżura E" ("Salvagwardji Speċjali għal Persuni Suspettati jew Akkużati u li jkunu Vulnerabbli") fejn jindika li "[s]abiex tiġi salvagwardjata l-korrettezza tal-proċedimenti, huwa importanti li tingħata attenzjoni speċjali lil persuni suspettati jew akkużati li ma jistgħux jifhmu jew isegwu l-kontenut jew it-tifsira tal-proċedimenti, minħabba pereżempju l-età tagħhom, il-kondizzjoni mentali jew fiżika"[18].

69. F'każijiet ta' persuni b'mard mentali li jkunu jbatu minn inkapaċità psikjatrika severa (kif jidher li qiegħed iseħħ f'dan il-każ), jidher li huwa rakkomandabbli li l-informazzjoni tingħata bl-assistenza ta' terza persuna li taġixxi f'isimha[19]. Fi kwalunkwe każ, hija kompetenza tad-dritt nazzjonali li jinstabu soluzzjonijiet fir-rigward tal-kapaċità ta' persuni li ma jinstabux f'kundizzjoni li jaġixxu għalihom innifishom[20].

16 Inwarrab, kif diġà indikajt, il-proċedura ta' natura mhux kriminali rregolata fil-Liġi dwar is-Saħħa.

17 Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, C 295, p. 1).

18 Fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Jannar 2001, Vaudelle vs Franza, CE:ECHR:2001:0130JUD003568397, punt 65, il-QEDB iddeċidiet li jekk il-persuna kkonċernata tbati minn marda mentali, l-awtoritajiet iridu jieħdu miżuri addizzjonali biex jinformawha fid-dettall dwar in-natura u r-raġuni għall-akkuża kontra tagħha.

19 Ara l-punti 9 u 10 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Novembru 2013 dwar is-salvagwardji proċedurali għall-persuni vulnerabbli suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU 2013, C 378, p. 8), li jużaw it-terminu "adult xieraq".

20 In-NPK jwieġeb hekk għal din il-loġika: jekk il-grad ta' inkapaċità jwassal biex dik il-persuna ma tifhem xejn, għandu jinħatar avukat minnufih sabiex, fiż-żmien ippjanat mid-difiża, jara li l-kumplament tad-drittijiet jiġu debitament irrispettati. L-Artikolu 94(1)(2) jistipula li l-involviment ta' avukat difensur fi proċeduri kriminali għandu jkun obbligatorju jekk il-persuna eżaminata tbati minn inkapaċità fiżika jew mentali li ma tippermettilhiex tiddefendi ruħha. F'tali każ, il-paragrafu 3 tal-istess artikolu jistabbilixxi li l-korp korrispondenti għandu jaħtar avukat bħala difensur.

*2. Ir-rimedji legali għall-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet*

70. Skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13, għandu jiġi żgurat li l-persuni ssuspettati jew akkużati li ma ngħatawx l-informazzjoni meħtieġa (skont it-termini ta' din id-direttiva) jistgħu jikkontestaw din l-omissjoni "f'konformità mal-proċeduri fil-liġi nazzjonali".

71. Il-qorti tar-rinviju tafferma li, fil-proċedura speċjali għaż-żamma f'istituzzjoni psikjatrika ta' persuni li ma jistgħux jinżammu kriminalment responsabbli (Artikoli 427 *et seq.* tan-NPK), b'differenza mill-proċeduri ordinarji, ma tkunx tista' tivverifika jekk kienx hemm ksur ta' drittijiet matul l-investigazzjoni mmexxija mill-Prosekutur Pubbliku.

72. Skont il-qorti tar-rinviju, jekk l-investigazzjoni tal-Prosekutur Pubbliku tintemm b'deċiżjoni li tagħlaq il-proċedura minħabba li l-persuna eżaminata ma tkunx tista' tinżamm kriminalment responsabbli, tinfetaħ it-triq sabiex l-istess qorti tordna ż-żamma f'istituzzjoni psikjatrika. F'dan l-istadju, jista' jiġi żvelat kwalunkwe ksur preċedenti tad-drittijiet, li seħħ matul il-fażi tal-investigazzjoni, mingħajr ma l-qorti jkollha l-possibbiltà li tevalwa l-opportunità li tirrimedja n-nuqqasijiet ikkonstatati (pereżempju, billi tordna r-rinviju tal-proċess lura għall-fażi tal-investigazzjoni). Skont il-qorti inkwistjoni, hija tista' biss tapprova jew tiċħad iż-żamma f'istituzzjoni psikjatrika.

73. Il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar jekk, f'ċirkustanzi bħal dawn, id-dritt ta' aċċess għal rimedji effettivi skont it-tifsira tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13 huwiex osservat, sabiex jiġi kkontestat li l-awtorità kompetenti ma pprovdietx jew irrifjutat l-informazzjoni meħtieġa lill-persuna ssuspettata jew akkużata.

74. Filwaqt li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tinterpreta d-dritt tagħha nnifisha, ma jidhirx li jista' jiġi eskluż appell (ibbażat fuq l-Artikolu 243(3) tan-NPK) kontra d-deċiżjoni tal-Prosekutur Pubbliku li jingħalaq il-każ, meta ulterjorment tinfetaħ il-proċedura (speċjali) irregolata mill-Artikoli 427 *et seq.* ta' dan il-kodiċi. Dan l-appell jista' jkun ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tal-persuna ssuspettata jew akkużata waqt il-fażi li tippreċedi d-deċiżjoni tal-qorti li trid tiddeċiedi, fuq talba tal-Prosekutur Pubbliku, jekk din il-persuna għandhiex tinżamm f'istituzzjoni psikjatrika. Għaldaqstant tibqa' miftuħa l-possibbiltà li ssir kontestazzjoni fis-sens tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/13.

75. Il-qorti tar-rinviju tidher li taċċetta din is-soluzzjoni meta, fil-punt 62 tad-digriet tar-rinviju, tindika li, għalkemm l-Artikoli 427 *et seq.* tan-NPK ma jiggarantixxux rimedju effettiv, hija tista' "tapplika b'analoġija l-garanzija proċedurali pprovduta għal każijiet eżaminati skont il-proċedura ordinarja" [21].

76. Jekk interpretazzjoni bħal din ma tkunx possibbli, ir-regoli proċedurali Bulgari, skont it-termini li tuża l-qorti tar-rinviju sabiex tiddeskrivihom [22], jistgħu ma jiggarantixxux id-dritt għal rimedju effettiv li jinsab fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/13, peress li l-ebda mħallef ma jkollu s-setgħa li jevalwa jekk ġewx irrispettati, fil-fażi li tippreċedi l-proċedura msemmija fl-Artikoli 427 *et seq.*, id-drittijiet protetti minn din id-direttiva. F'din l-ipoteżi, huwa l-ordinament ġuridiku intern li għandu jislet il-konsegwenzi (jekk ikun il-każ, ir-rinviju tal-proċess sabiex jiġi rrimedjat il-ksur imwettaq) għal dan it-tip ta' ksur, jekk dawn jaffettwaw b'mod gravi l-garanziji proċedurali tal-persuna kkonċernata.

21 Din l-interpretazzjoni ma tkunx estranea għas-sistema ġuridika Bulgara: fil-fatt, il-Liġi dwar is-Saħħa, li bħala prinċipju tinsab iktar imbiegħda mir-regoli proċedurali komuni milli l-proċedura speċjali ta' żamma f'istituzzjoni psikjatrika, tistabbilixxi fl-Artikolu 165(1) tagħha l-applikazzjoni supplimentari tan-NPK.

22 Il-Gvern Bulgaru u l-Prosekutur Pubbliku naqsu milli jintervjenu f'din il-proċedura għal deċiżjoni preliminari, fejn għalhekk l-espożizzjoni tad-dritt nazzjonali u tal-interpretazzjoni tiegħu hija limitata għal dik mogħtija mill-qorti tar-rinviju.

77. Fl-aħħar nett, ma jistax jintesa li, fil-proċedura rregolata mill-Artikoli 427 *et seq.* tan-NPK, huwa obbligatorju li l-avukat difensur tal-persuna kkonċernata jassisti lil din tal-aħħar matul is-seduta li trid issir quddiem il-qorti li tiddeċiedi dwar iż-żamma tagħha f'istituzzjoni psikjatrika.[23] Loġikament, minn din il-perspettiva, l-avukat jista' jinvoka, fid-difiża tal-klijent tiegħu, il-motivi kollha ta' oppożizzjoni għaż-żamma, inklużi dawk li jirriżultaw mill-irregolaritajiet eventwali li l-awtoritajiet kompetenti setgħu wettqu matul il-fażi tal-investigazzjoni fil-proċeduri kriminali.

## *C. Fuq l-effett tad-Direttiva 2013/48*

### *1. Dwar id-drittijiet li għandhom jiġu rrispettati*

78. Din id-direttiva tiżgura li l-persuni ssuspettati jew akkużati jkunu intitolati għall-assistenza ta' avukat fi proċeduri kriminali u li ċ-ċaħda tal-libertà tagħhom tinġieb għall-attenzjoni ta' parti terza li magħha jkunu jistgħu jikkomunikaw.

79. Fir-rigward tal-kunċetti ta' persuna ssuspettata jew akkużata, kif ukoll ta' awtoritajiet kompetenti, fil-qafas tad-Direttiva 2013/48, nirreferi għall-kunsiderazzjonijiet imsemmija fid-Direttiva 2012/13. B'mod partikolari, id-Direttiva 2013/48 tirreferi b'mod espliċitu għall-"pulizija jew awtoritajiet oħra tal-infurzar tal-liġi" meta l-Artikolu 2(3) tagħha jestendi l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' assistenza legali għal persuni li, filwaqt li inizjalment ma jkunux issuspettati jew akkużati, isiru tali "matul l-interrogazzjoni"[24].

80. Billi, kif ġie indikat preċedentement, in-NPK jipprevedi proċeduri kriminali ġenwini li jistgħu jirriżultaw fl-impożizzjoni ta' miżura medika obbligatorja (konformement mal-proċedura speċjali tal-Artikoli 427 *et seq.*), il-persuna suġġetta għal din il-proċedura għandha tiġi ggarantita l-assistenza ta' avukat kif ukoll id-drittijiet l-oħra previsti mid-Direttiva 2013/48.

81. B'differenza minn dak li jseħħ taħt id-Direttiva 2012/13, l-istat mentali tal-persuna ssuspettata jew akkużata ma jippermettix li jiġi mmodifikat id-dritt tagħha għal assistenza minn avukat f'każ ta' reat gravi[25]. Għall-kuntrarju, dan id-dritt jissaħħaħ peress li l-persuna kkonċernata ma tkunx, pereżempju, f'pożizzjoni li tirrinunzja b'mod validu għall-preżenza tal-avukat tagħha (Artikolu 9 tad-Direttiva 2013/48).

82. Għalkemm, kif spjegajt ukoll, persuni fi stat ta' instabbiltà mentali jistgħu jitqiesu *vulnerabbli*, skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2013/48, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw dan l-aċċess għal avukat filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

83. Skont l-informazzjoni fil-proċess, in-NPK jissodisfa dan l-għan peress li f'każ li l-livell ta' inkapaċità jwassal sabiex il-persuna ma tifhimx, minnufih jinħatar avukat sabiex, fiż-żmien ippjanat mid-difiża, jara li l-kumplament tad-drittijiet jiġu rrispettati kif xieraq. L-Artikolu 94(1)(2) jipprovdi wkoll li l-parteċipazzjoni ta' avukat difensur fi proċeduri kriminali għandha tkun obbligatorja jekk il-persuna kkonċernata tbati minn inkapaċità fiżika jew mentali li ma tippermettilhiex tiddefendi ruħha. F'dan il-każ, il-paragrafu 3 tal-istess artikolu jistabbilixxi li l-awtorità kompetenti għandha taħtar avukat difensur.

23 Artikolu 430(2) u (3). Il-persuna li ż-żamma tagħha f'istituzzjoni psikjatrika qed tintalab tista' tidher ukoll f'dik is-seduta sakemm l-istat ta' saħħitha ma jkunx ta' ostakolu għaliha.

24 Dan jitqies ukoll mill-QEDB fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Novembru 2016, Kurpka vs L-Ukraina, CE:ECHR:2016:1110JUD000791807.

25 Fir-rigward ta' reati minuri, l-Artikolu 2(4) tad-Direttiva 2013/48 jippermetti ċerti limitazzjonijiet, b'tali mod li l-garanziji tagħhom ikunu applikabbli biss għall-proċeduri quddiem qorti li jkollha ġurisdizzjoni f'materji kriminali.

84. Għalhekk, il-leġiżlazzjoni Bulgara, li dwar l-inkompatibbiltà tagħha mad-Direttiva 2013/48 il-qorti tar-rinviju tistaqsi, ma tidhirx li tmur kontra din tal-aħħar f'dak li jirrigwarda s-salvagwardja tad-drittijiet li tagħhom tirrikjedi l-protezzjoni. Huwa differenti jekk, f'każ partikolari, ma jkunux ġew osservati r-rekwiżiti legali.

*2. Dwar ir-rimedji*

85. Jekk, madankollu, dawn id-drittijiet ikunu nkisru, il-kunsiderazzjonijiet li għamilt fir-rigward tar-rimedji applikabbli sabiex jiġi kkontestat ksur tad-Direttiva 2012/13 jistgħu, *mutatis mutandis*, jiġu trasposti għad-Direttiva 2013/48.

### *D. Fuq l-effett tad-Direttiva (UE) 2016/343*

86. Permezz ta' din id-direttiva, fil-proċeduri kriminali jissaħħu ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt tal-persuni fiżiċi ssuspettati jew akkużati f'tali proċeduri li jkunu preżenti fil-kawża.

87. L-Istati Membri ma kellhomx l-obbligu li jimplimentaw id-Direttiva (UE) 2016/343 qabel l-1 ta' April 2018 [26]. Bħala konsegwenza, din id-direttiva ma tistax tiġi invokata bħala leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għall-proċeduri kriminali li ntemmu qabel dik id-data.

88. F'dan il-każ, skont id-digriet tar-rinviju u l-kjarifiki ulterjuri mill-qorti tar-rinviju, l-għeluq definittiv tal-proċeduri kriminali qabel it-talba, mill-Prosekutur Pubbliku, għall-miżura ta' detenzjoni seħħ fl-1 ta' Marzu 2018. Din ir-riżoluzzjoni kellha tiddetermina l-fatti stabbiliti, l-involviment tal-akkużat u l-kundizzjoni tiegħu bħala persuna li ma tistax tinżamm responsabbli.

89. Għaldaqstant id-diffikultajiet f'tali proċedura ma jistgħux, *ratione temporis*, jiġu analizzati fid-dawl tad-Direttiva (UE) 2016/343. B'mod simili, lanqas ma jista' jiġi invokat l-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), peress li ma hemm ebda evidenza li kien hemm xi element qabel l-1 ta' April 2018 li kien jippermetti l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

90. Huwa minnu li, peress li għadha pendenti d-deċiżjoni mill-qorti tar-rinviju fil-proċedura speċjali dwar iż-żamma ta' EP f'istituzzjoni psikjatrika, id-Direttiva (UE) 2016/343 hija applikabbli għal dik il-proċedura mill-1 ta' April 2018. Madankollu, id-domandi preliminari mressqa mill-qorti tar-rinviju ma jikkonċernawx, fil-fatt, l-azzjoni tagħha stess fil-kuntest ta' dik il-proċedura, iżda dik tal-awtoritajiet kompetenti (b'mod partikolari l-Prosekutur Pubbliku) matul il-proċeduri kriminali li ntemmu fl-1 ta' Marzu 2018.

91. Għalhekk, jidhirli li r-risposta għal din il-parti tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari għandha tiġi llimitata għal affermazzjoni li d-Direttiva (UE) 2016/343 ma hijiex applikabbli għall-proċeduri kriminali konklużi qabel l-1 ta' April 2018. Madankollu, f'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tifhimhiex b'dan il-mod, ser nesprimi l-opinjoni tiegħi f'dan ir-rigward.

92. Il-preżunzjoni ta' innoċenza protetta mid-Direttiva (UE) 2016/343 tirregola, skont l-Artikolu 2 tagħha, "[l-istadji] kollha tal-proċedimenti kriminali [...] sa meta d-deċiżjoni dwar id-determinazzjoni finali jekk dik il-persuna wettqitx ir-reat kriminali kkonċernat tkun saret definittiva".

26 Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2016/343.

93. Ma għandi ebda dubju li kieku d-Direttiva (UE) 2016/343 kellha tkun applikabbli *ratione temporis*, id-dispożizzjonijiet tagħha kien ikollhom jiġu osservati fil-proċeduri kriminali kontra kwalunkwe persuna ssuspettata jew akkużata, inkluż fejn ikun hemm sintomi ta' instabbiltà mentali. Il-fatt li l-prosekuzzjoni ssir mill-Prosekutur Pubbliku bl-ebda mod ma jipprekludi li, f'dan l-istadju tal-proċeduri kriminali qabel il-proċeduri quddiem il-qorti, għandu jkun hemm konformità mad-Direttiva (UE) 2016/343.

94. Nenfasizza li l-preżunzjoni ta' innoċenza protetta mid-Direttiva (UE) 2016/343 tapplika fl-istadji kollha ta' kull proċedura kriminali għal reati serji[27]. Huwa irrilevanti, f'dan ir-rigward, li l-persuni akkużati li wettqu reat ikunu jbatu minn mard mentali li jagħti lok għall-konstatazzjoni li ma jistgħux jinżammu responsabbli fi tmiem il-proċeduri.

95. Fi kwalunkwe każ, għandi niġbed l-attenzjoni li l-preżunzjoni ta' innoċenza, hekk kif mhux neċessarjament tipprekludi d-detenzjoni provviżorja, lanqas ma tipprekludi ż-żamma f'istituzzjoni psikjatrika ta' min ikun issuspettat li wettaq reat fi stat ta' instabbiltà mentali. Hija lanqas ma tipprekludi, kif jipprovdi l-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2016/343, "deċiżjonijiet preliminari ta' natura proċedurali, li jittieħdu mill-awtoritajiet ġudizzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra u li huma bbażati fuq suspett jew evidenza inkriminanti".

## V. Spjegazzjoni fil-qosor b'riferiment għad-domandi preliminari

96. Permezz tar-riflessjonijiet preċedenti jidhirli li jistgħu jingħataw risposti għad-domandi mressqa mill-qorti tar-rinviju:

– fir-rigward tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48, dawn ir-riflessjonijiet huma relatati mal-kontenut tal-ewwel sar-raba' domanda, it-tnejn li huma inklużi, u s-seba' domanda (l-ewwel parti); u

– fir-rigward tad-Direttiva 2016/343, dawn huma relatati mal-kontenut tal-ħames u s-sitt domanda.

97. Is-seba' domanda tinkludi subdomanda li fiha l-qorti tar-rinviju ssemmi l-Artikolu 21 tal-Karta, u tistaqsi jekk il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jipprekludix li s-setgħat ta' qorti jvarjaw skont jekk il-persuni li jkunu s-suġġett tal-proċeduri jkunux fi stat ta' saħħa mentali tajba jew le. Peress li, fil-fehma tiegħi, is-sitwazzjonijiet ta' dawn il-persuni li jbatu minn instabbiltà mentali ma humiex paragunabbli ma' dawk ta' persuni li għandhom użu sħiħ tal-fakultajiet mentali tagħhom, wieħed ma jistax jitkellem dwar diskriminazzjoni minħabba ċ-ċirkustanza li, għal dawn tal-ewwel, hemm previsti regoli proċedurali speċifiċi. Dan ma jipprekludix li l-garanziji li, skont id-direttivi msemmija hawn fuq, għandhom jiġu osservati, għandhom jiġu applikati għal ċerti persuni speċifiċi, kif diġà spjegajt.

## VI. Konklużjoni

98. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi magħmula mir-Rayonen sad Lukovit (il-Qorti Distrettwali ta' Lukovit, il-Bulgarija):

"1) Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali għandha tiġi interpretata fis-sens li din tapplika għall-istadji kollha tal-imsemmija proċeduri, mill-mument meta l-awtoritajiet jinformaw lil persuna li tinsab issuspettata li wettqet reat kriminali, inkluż meta din il-persuna tkun tbati minn instabbiltà mentali.

27 L-Artikolu 7(6) jintroduċi ċerti bidliet għal ksur minuri.

2) Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ottubru 2013 dwar id-dritt ta’ aċċess għas-servizzi ta’ avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta’ mandat ta’ arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma’ partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà, hija applikabbli, għall-perijodi previsti mid-dispożizzjonijiet tagħha, għal persuni ssuspettati jew akkużati li jinsabu fi stat ta’ instabbiltà mentali.

3) Id-drittijiet protetti mid-Direttivi 2012/13 u 2013/48 għandhom jiġu rrispettati, jekk ikun il-każ skont il-kundizzjonijiet stabbiliti minnhom, matul l-investigazzjoni kriminali mmexxija minn uffiċjali tal-pulizija, matul l-investigazzjoni kriminali mmexxija mill-Prosekutur Pubbliku u matul il-proċedura speċjali għall-applikazzjoni ta’ miżuri mediċi koerċittivi għall-każijiet ta’ reati mwettqa minn persuni f’sitwazzjoni fejn ma jistgħux jinżammu responsabbli kriminalment minħabba instabbiltà mentali, kif stabbilit fl-Artikoli 427 *et seq.* tan-Nakazatelno protsesualen kodeks (il-Kodiċi ta’ Proċedura Kriminali).

4) Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta’ ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali ma hijiex applikabbli għall-proċeduri kriminali konklużi b’mod definittiv qabel l-1 ta’ April 2018.

5) Proċedura sabiex tiġi ordnata, għal raġunijiet mediċi, iż-żamma forzata f’istituzzjoni psikjatrika tal-persuni li jsofru minn mard mentali, bħal dik irregolata fl-Artikoli 155 *et seq.* taz-Zakon za zdraveto (il-Liġi dwar is-Saħħa) ma taqax taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttivi 2012/13, 2013/48 u 2016/343.”